



Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali

Lezzjoni għal studenti fl- edukazzjoni primarja ($\pm$ 9 - 12- il sena)

Manwal pass pass għall-professjonisti tal-
edukazzjoni



WERREJ

LEZZJONI B'MOD SPEĊJALI GĦAL STUDENTI FL-EDUKAZZJONI PRIMARJA	3
GĦANIJIET TA' TAGĦLIM	4
GĦANIJIET TA' TAGĦLIM GĦAL ISTUDENTI FL-EDUKAZZJONI PRIMARJA	4
DWAR IL-LEZZJONI	5
STRUTTURA U TUL TAL-LEZZJONI	5
THEJJJA	5
MATERJAL U ĦOLOQ.....	6
INFORMAZZJONI TA' SFOND GĦALL-GĦALLIEMA	6
IL-LEZZJONI PASS PASS	7
INTRODUZZJONI	7
ATTIVITÀ NAĦDMU FLIMKIEN	7
SPJEGAZZJONI: X'INHĠ L-UE?	9
FILMAT #EUROPEANS	9
DIKJARAZZJONIJIET TA' OPINJONI	10
TMIEM IL-LEZZJONI	11

Lezzjoni b'mod speċjali għal studenti fl- edukazzjoni primarja

Dan il-manwal huwa parti minn pakkett tal-edukazzjoni ċivika dwar il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea/il-Kunsill Ewropew. Hemm sitt kategoriji ta' lezzjonijiet biex jiġi żgurat li jkun hemm lezzjoni xierqa għal kull livell edukattiv fl-UE.

Il-manwal li qed taqra bħalissa fih pjan ta' lezzjoni li ġie żviluppat b'mod speċjali għal studenti fl-edukazzjoni primarja li għandhom bejn 9 u 12-il sena. Il-lezzjoni hija xierqa għal studenti li huma f'hekk qana li jittgħallmu iżda li jittgħallmu l-aħjar billi jagħmlu, u billi jkollhom esperjenzi pożittivi.

Jekk din il-lezzjoni mhijiex adattata għall-grupp tiegħek jew jekk inti tgħalllem ukoll gruppi oħra f'livelli edukattivi differenti, jekk jogħġbok ara l-lezzjonijiet l-oħra fil-pakkett tal-edukazzjoni ċivika li huma mmirati għal:

- Studenti bi profil ta' Prattika fl-edukazzjoni sekondarja (għolja) - ± minn 12 sa 19-il sena
- Studenti bi profil ta' Teorija fl-iskola sekondarja (għolja) ± minn 12 sa 19-il sena
- Studenti bi profil ta' Prattika fl-edukazzjoni terzjarja ± minn 17 sa 25 sena
- Studenti bi profil ta' Teorija fl-edukazzjoni terzjarja ± minn 17 sa 25 sena
- Lezzjoni għal dawk li għandhom aktar minn 60 sena

Tista' ssib il-pjanijiet kollha tal-lezzjonijiet fil-pakkett tal-edukazzjoni ċivika fil-link li ġejja: <https://consilium.europa.eu/education>, kif ukoll materjal edukattiv ieħor jekk tixtieq tqatta' aktar ħin tgħalllem studenti fl-edukazzjoni primarja dwar l-UE.

Nota: nirrakkomandaw li tibda b'din il-lezzjoni jekk l-istudenti tiegħek għandhom bejn 9 u 12-il sena, peress li tintroduċi l-UE b'mod aċċessibbli għall-grupp fil-mira.



Din il-lezzjoni taqdi l-ħtiġijiet edukattivi ta' tfal tal-iskola bħal Björn.

Björn (10) iħobb jilgħab barra ma' sħabu, u jaf ħafna dwar l-animali. Għandu immaġinazzjoni kbira, li xi drabi tagħmilha diffiċli li wieħed jikkonċentra. Jixtieq imur tajjeb fl-iskola sabiex fil-futur ikun jista' jsir veterinarju.

Fil-lezzjoni ideali tiegħu ma għandux għalfejn jisma' għal aktar minn għaxar minuti u jista' jagħmel attività fi grupp ma' sħabu, iżda biss bi struzzjonijiet ċari.

Huwa sema' bl-UE qabel, iżda ma jifhimx tassew x'inh. Björn huwa kurjuż dwar pajjiżi Ewropej oħra u jieħu gost imur fuq btala.

Għanijiet ta' tagħlim

Il-pakkett tal-edukazzjoni ċivika żviluppat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea/il-Kunsill Ewropew għandu l-għan li jħalli impatt billi jispjega "għaliex, xiex u kif" b'rabta mal-UE u l-istituzzjonijiet tagħha. L-enfasi hija fuq kwistjonijiet qrib l-interessi tal-istudenti, u fuq li dawn jithallaw jirriflettu u jiddiskutu dwar kif l-UE taffettwalhom ħajjithom. L-istudenti għandu jkollhom sens ta' appartenenza meta jikkollmu dwar l-UE.

Ħafna ċittadini żgħażaġħ tal-UE jqisu l-kooperazzjoni tal-UE u dik Ewropea bħala fatt. Il-pakkett jagħtihom għarfien dwar għaliex is-27 stat membru tal-UE jagħżlu li jaħdmu flimkien. Din tista' tidher mistoqsija sempliċi, iżda hija ħaġa li jridu jgħaddu minnha huma stess biex tabilħaqq jifhemu għaliex ċerti kwistjonijiet ma jistgħux jiġu ttrattati fil-livell nazzjonali u għaliex huwa importanti li jinstabu soluzzjonijiet li jaħdmu għall-Ewropej kollha. Dak huwa l-għan tal-ħidma tal-Kunsill. L-istati membri jinnegozjaw sakemm isibu soluzzjoni li taħdem għal kulħadd. Is-solidarjetà hija kruċjali.

Il-messaġġi ewlenin tal-pakkett tal-edukazzjoni ċivika dwar il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea/il-Kunsill Ewropew huma:

- il-politika Ewropea hija dwarek (xiex u kif)
- is-27 pajjiż tal-UE qed jaħdmu flimkien għall-ġid komuni (għaliex)

Għanijiet ta' tagħlim għal istudenti fl-edukazzjoni primarja

- Matul din il-lezzjoni l-istudenti ser jesperjenzaw il-vantaġġi li jaħdmu flimkien.
- Wara din il-lezzjoni l-istudenti ser ikunu fehma b'mod ġenerali l-Unjoni Ewropea.
- Wara din il-lezzjoni l-istudenti ser ikunu fehma b'mod ġenerali l-ħidma tal-Kunsill.
- Wara din il-lezzjoni l-istudenti ser ikunu jistgħu jagħtu eżempji ta' suġġetti li l-pajjiżi tal-UE jikkollaboraw fuqhom.
- Matul il-lezzjoni l-istudenti ser jiffurmaw opinjoni dwar suġġetti li jikkonċernaw l-UE u l-Kunsill.



Dwar il-lezzjoni

Struttura u tul tal-lezzjoni

Dan il-pjan ta' lezzjoni huwa maħsub biex jintuża fl-iskeda regolari tiegħek tal-iskola.

Il-lezzjoni tista' tingħata f' medja ta' 50 minuta. Din li ġejja hija skeda ta' żmien issuġġerita, segwita minn deskrizzjoni pass pass tal-materjal u l-metodi:

5 min.	Attività Naħdmu flimkien (15-il minuta)	X'inhi l-UE? (10 minuti)	Filmat (5 min.)	Dikjarazzjonijiet ta' opinjonijiet (10 minuti)	5 min.
45 minuta					

Tħejjija

Dan il-pjan ta' lezzjoni huwa lest għall-użu mill-professjonisti tal-edukazzjoni li għandhom isegwu l-passi ta' hawn taħt. Madankollu, hemm bżonn tħejjija tajba.

Skont kemm għandhom żmien l-istudenti tiegħek u kemm jafu dwar l-UE, jaf tkun trid tadatta l-pjan ta' lezzjoni.

L-ewwel nett, xi attivitajiet jistgħu jieħdu aktar ħin milli ssuġġerit. Jekk dan ikun il-każ, tista' taqsam il-pjan f'żewġ lezzjonijiet jew aktar.

It-tieni, xi wħud mill-attivitajiet inklużi fil-pjan ta' lezzjoni jistgħu jkunu aktar xierqa għall-istudenti tiegħek minn oħrajn. Bħala għalliem, inti tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tivvaluta l-ħtiġijiet tal-klassi tiegħek u biex tagħżel l-attivitajiet li japprezzaw l-aktar. Pereżempju, tista' tagħżel l-attività "Naħdmu flimkien", li tinvolvi t-tpiġġija, jew l-attivitajiet "Filmat" u "Għoti ta' opinjonijiet", li jirrikjedu li huma jifhmu informazzjoni kemxejn aktar kumplessa u jiffurmaw u jaqsmu l-fehmiet tagħhom.

Kif tista' tipprepara?

Huwa ħsieb li tkun taf **kemm ser jieħdu sehem studenti u kemm ser ikollok ħin**. Tista' tuża s-slides ipprovduti bħala parti minn dan il-pakkett biex iżżomm l-istruttura ssuġġerita matul il-lezzjoni.

Għall-attività "Naħdmu flimkien"

- **Ipprintja t-28 paġna għat-tpiġġija (bnadar).** Jekk għandek aktar minn 28 student, ipprintja duplikati ta' xi paġni u aġti lill-istudenti bnadar diffiċli biex ipiġu (bħall-Kroazja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja).
- Ara li għandek **pinna tal-feltru ta' kull wieħed mill-kuluri li ġejjin**: iswed, isfar, aħmar, aħdar (ċar), blu ċar, blu skur, oranġjo u, jekk possibbli, aħmar skur. Dawn huma l-kuluri kollha meħtieġa biex tpiġi l-bnadar. Tista' tagħti daqqa t'għajn lejn il-bnadar tal-istati membri biex tieħu idea tal-isfumaturi korretti tal-kuluri, iżda dan mhux bilfors.
- **Aqra l-pjan pass pass** għal din l-attività. Jekk taħseb li dan il-kompitu huwa diffiċli wisq għall-grupp tiegħek b'pinna tal-feltru waħda biss ta' kull kulur, tista' tagħżel li tagħmlu b'żewġ pinen tal-feltru ta' kull kulur.

Għall-ispjegazzjoni "X'inhi l-UE?":

- Hu ̈sieb li **tiċċekkja s-slides** ipprovduti qabel ma tibda l-lezzjoni.
- Jekk hemm xi nuqqasijiet fl-għarfien tiegħek għal din l-ispjegazzjoni, skopri dwar is-suġġetti (ara s-suġġerimenti f'"Informazzjoni ta' sfond għall-għalliema" hawn taħt).

Għall-filmat:

- Hu ̈sieb li **tara l-filmat** qabel il-lezzjoni.

Għad-dikjarazzjonijiet ta' opinjoni:

- **Ipprintja l-paġni pprovduti** (filwaqt li tindika t-tweġibiet possibbli: "Naqbel", "Ma naqbilx" u "?").
Jekk ma tistax tipprintjahom, iktib kull tweġiba fuq karta separata.
- Dendel **it-tweġibiet mal-ħitan tal-klassi**. Hu ̈sieb li jkun hemm biżżejjed spazju biex l-istudenti joqogħdu bilwieqfa quddiemhom matul din il-parti tal-lezzjoni.

Materjal u ħoloq

- Paġni għat-tpiġija (disponibbli hawn taħt fil-paġni 12 sa 39)
- Slides PowerPoint (ipprovduti bħala parti minn dan il-pakkett fuq consilium.europa.eu/education)
- Filmat (ara l-link f'Pass 4 "filmat #Europeans" f'paġna 9)
- Folji bi tweġibiet possibbli (fil-paġni 40 sa 41)

Informazzjoni ta' sfond għall-għalliema

Tista' ssib informazzjoni ta' sfond dettaljata dwar il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew u l-Unjoni Ewropea iġenerali fuq is-siti web li ġejjin:

<https://www.consilium.europa.eu/mt/>

<https://europa.eu>

Jew agħti daqqa t'għajn lejn il-pubblikazzjoni [L-Ewropa fi 12-il lezzjoni](#)



Il-lezzjoni pass pass

Segwi dawn il-passi biex tagħmel il-lezzjoni mal-grupp tiegħek.

Introduzzjoni 5 minuti

Jekk huwa grupp li inti tgħallim regolarment, ilqagħhom fil-qosor u għarraffhom x'inhom s-suġġett tal-lezzjoni tal-lum, mingħajr ma tidħol f'wisk dettall.

Jekk ikun grupp li ser taħdem miegħu darba biss, hu għaliex li tilqagħhom u tintroduċi ruħek (ismek, l-organizzazzjoni u għaliex qegħdin miegħek illum). Għidilhom x'inhom s-suġġett tal-lezzjoni tal-lum, mingħajr ma tidħol f'wisk dettall.

Nota: skont kemm għandek ħin, iddeċiedi jekk tridx titlob lill-istudenti jintroduċu ruħhom malajr.

Introduċi l-kunċett ta' "naħdmu flimkien" bħala wieħed mill-punti ta' tagħlim ewlenin ta' din il-lezzjoni. 27 pajjiż tal-UE qed jaħdmu flimkien fl-Unjoni Ewropea bl-istess mod kif intom ser taħdmu flimkien fl-eżerċizzju li ġej.

Attività Naħdmu flimkien 15-il minuta

F'din l-attività, **kull student ser jingħata bandiera x'ipinġi** individwalment. Hemm deskrizzjoni qasira tal-kompitu fuq il-paġna għat-tpinġija li tteggighom jimlewha malajr kemm jista' jkun.

Għall-klassi kollha, hemm biss pinna tal-feltru waħda għal kull wieħed mill-kuluri li ġejjin:

- Iswed
- Isfar
- Aħmar
- Aħdar ċar
- Blu ċar
- Blu skur
- Oranġjo
- Aħmar skur (fakultattiv)

Il-motivazzjoni biex ilestu l-kompitu malajr kemm jista' jkun ser ifisser li l-istudenti jesperjenzaw bħala kompetizzjoni. Madankollu, m'hemm xejn li jgħid espliċitament li jridu jkunu l-ewwel li jlestuh. Peress li hemm biss pinna tal-feltru waħda għal kull kulur, huma jistgħu jlestu l-kompitu tagħhom biss jekk jaħdmu flimkien. "Malajr kemm jista' jkun" tista' tfisser ukoll li tgħin lil sħabek biex ilestu l-bnadar tagħhom l-ewwel sakemm tkun tista' tiegħu l-pinna li teħtieġ.

L-għan tal-attività huwa li l-istudenti jitgħallmu li jistgħu jaħdmu flimkien ma' oħrajn. L-eżerċizzju ser ikun segwit minn riflessjoni qasira mal-grupp, fejn l-UE tiġi introdotta bħala suġġett.

Introduzzjoni (massimu 2 minuti)

1. Hu għaliex li kulħadd ikollu paġna għat-tpinġija b'waħda mill-bnadar tal-istati membri. Itlob lill-istudenti jistennew sakemm tgħidilhom li jistgħu jibdwu ipinġu.

Nota: ipprepara kif deskritt hawn fuq fit-taqsim "tħejjija".

2. Għid lill-istudenti li m'hemmx regoli biex ilestu l-kompitu tagħhom, ħlief li jkun sikur u rispettuż.

Ibda mingħajr gwida (massimu 3 minuti)

1. F'dan il-punt l-istudenti ser iġibu ruħhom b'diversi modi. Xi wħud jistgħu minnufih jiġru jaħtfu l-pinen li jeħtieġu, xi oħrajn ser jifhmu minnufih il-kompitu u jaħdmu flimkien ma' oħrajn. Hu ھsieb li tikkoreġi mġiba mhux mixtieqa, iżda tinterferixx malajr wisq.
2. Agħżel mument għal intervent. Mument xieraq jista' jkun meta tinnota li diversi studenti jkunu qatgħu qalbhom li jiksbu pinna, jew l-istudenti jkunu qed "jiġġieldu" fuq pinna.
3. Jekk tinnota li l-istudenti qed jaħdmu dan l-eżerċizzju flimkien, ھallihom ikomplu sakemm ikunu pinġew il-bnadar kollha jew ikun skada l-ħin. Kompli għall-parti ta' riflessjoni.

Intervent (massimu 2 minuti)

1. Hu ھsieb li tiġbed l-attenzjoni sħiħa tal-istudenti kollha, u itlobhom jieqfu milli jkunu qed jagħmlu.
2. Staqsi lil student wieħed jew tnejn jekk jixtiqix jaqsmu l-esperjenza tagħhom s'issa. Kif jaħsbu li sejjer il-kompitu s'issa? Iddiskuti fil-qosor l-esperjenzi tagħhom.
3. Staqsi lill-istudenti jekk jistgħux jaħsbu dwar mod ieħor kif jagħmlu dan l-eżerċizzju. X'jistgħu jagħmlu biex jiżguraw li l-bnadar kollha jitpinġew malajr kemm jista' jkun? Hekk hu, jaħdmu flimkien!

Naħdmu flimkien (massimu 5 minuti)

1. Għid lill-istudenti biex jippruvaw jaraw kemm bnadar jistgħu jpinġu jekk jaħdmu flimkien.
2. ھallihom jispiċċaw kemm jista' jkun paġni għat-tpiġija. Hu ھsieb li jkun fadallek madwar ھames minuti għar-riflessjoni.

Riflessjoni (3 - 5 minuti)

1. Hu ھsieb li jkollok l-attenzjoni tal-istudenti kollha, u itlobhom ipoġġu bilqiegħda, qabel ma tibda d-diskussjoni/riflessjoni fil-klassi.



2. Staqsi lill-istudenti x'differenzi nnutaw bejn li jaħdmu individwalment u li jaħdmu flimkien. X'kienet l-ikbar diffikultà f'dan l-eżerċizzju? X'vantaġġi kien hemm fil-ħidma flimkien?
3. Għid lill-istudenti li l-punt ta' dan l-eżerċizzju kien li jitgħallmu li xi xogħol huwa eħfef jekk jaħdmu flimkien. Huma kellhom iħabbtu wiċċhom mal-fatt li kien hemm biss pinna tal-feltru waħda għal kull kulur, u ħafna bnadar għandhom l-istess kuluri. Flimkien kien ikun eħfef li jagħmlu pjan dwar kif iqassmu l-pinen tal-feltru u kif jaraw liema bnadar huma eħfef u aktar rapidi biex jitlestew, u flimkien setgħu talbu lill-għalliemi għal aktar pinen.

Spjegazzjoni: X'inhi l-UE? 10 minuti

Wara bidu attiv tal-lezzjoni, l-istudenti issa ser jingħataw spjegazzjoni ta' x'inhi l-Unjoni Ewropea. Huma jeħtieġu din l-informazzjoni biex jiffurmaw opinjoni aktar tard u biex jifhmu għaliex il-ħidma flimkien hija daqshekk importanti fl-UE.

Rabta mas-suġġett (massimu 3 minuti)

1. Issa tista' timxi għas-suġġett, jiġifieri 27 stati membri jaħdmu flimkien fl-Unjoni Ewropea, billi tgħid lill-istudenti li f'każ bħal dan, l-istati membri jaffrontaw il-kompitu flimkien billi jiddiskutu liema pjan jaħdem l-aħjar għalihom kollha. Billi jaħdmu flimkien, l-EU27 jistgħu jsibu soluzzjonijiet għal problemi li jaqsmu l-fruntieri.
2. Uża s-slides ipprovduti biex tagħmel din il-konnessjoni b'mod aktar viżiv għall-istudenti.

Spjegazzjoni dwar l-UE u l-Kunsill (massimu 7 minuti)

1. Spjega fil-qosor x'inhi l-Unjoni Ewropea u x'tagħmel. Tista' tuża s-slides ipprovduti għal dan.
2. Qabel ma tkompli l-parti li jmiss tal-lezzjoni, iċċekkja jekk fehmux l-informazzjoni kruċjali li ġejja:
 - L-Unjoni Ewropea hija unjoni ekonomika u politika fejn 27 pajjiż tal-UE jaħdmu flimkien.
 - L-istati membri huma rrappreżentati fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Hawn fejn isiru n-negozjati bejn il-pajjiżi u tiġi diskussa l-leġislazzjoni.
 - Id-deċiżjonijiet li jittieħdu fl-UE japplikaw għall-istati membri kollha.

Filmat #Europeans 5 minuti

F'din l-attività l-istudenti ser jaraw il-filmat #Europeans bit-titlu "Infittxu tweġibiet f'baħar ta' plastik" biex jgħin视角 jifhmu l-idea ta' kooperazzjoni Ewropea. Minħabba li l-problema fil-filmat hija ħafifa biex tintfieh (wisq plastik fil-baħar), teżisti bejn il-fruntieri u hija dwar suġġett għal qalb l-istudenti, huwa mod tajjeb kif l-istudenti jaraw kif tiġi indirizzata problema fil-livell Ewropew. L-għan huwa li l-istudenti jingħataw eżempju viżibbli ta' dak li spjegajt qabel.

Nota: il-filmat huwa disponibbli bl-Ingliż, bl-Iżvediż u bil-Grieg. Tista' tuża dak il-filmat u tispjega x'inhu, jew tista' tiċċekkja (fuq l-istess sit web) jekk hemmx filmati bil-lingwa tiegħek dwar suġġett li jeżisti bejn il-fruntieri u li l-grupp jista' jirrelata miegħu.

- Il-filmat/i #Europeans tista' ssibhom fil-link li ġej: <https://newsroom.consilium.europa.eu/permalink/209869>
- Huw ħsieb li waqt il-lezzjoni jkollok konnessjoni tal-internet stabbli. Jekk le, tista' tniżżel il-filmat qabel ma tibda l-lezzjoni.

Introduzzjoni (1 minuta)

1. Għid lill-istudenti li issa ser turi filmat dwar kif il-kooperazzjoni Ewropea tista' tgħin biex jissolvew problemi transfruntiera. Il-plastik fil-baħar huwa problema kbira li ma tistax tissolva minn pajjiż wieħed waħdu. Il-plastik fil-baħar jinxtered mingħajr ma jqis il-fruntieri.

2. Fil-filmat, l-istudenti ser jaraw kif il-pajjiżi tal-UE jaħdmu flimkien billi jagħtu għotjiet lill-istudenti biex isibu soluzzjonijiet ġodda, u billi jintroduċu projbizzjoni fuq il-plastik li jintuża darba biss.

Araw il-filmat (2.5 minuti)

1. Qabel ma tibda turi l-filmat, hu ħsieb li l-istudenti kollha jinsabu attenti quddiem l-iskrin.
2. Hekk kif jintemm il-filmat, itlob lill-istudenti għar-rispons inizjali tagħhom. B'hekk tista' tiżgura li jibqgħu kkonċentrati fuq is-suġġett.

Riflessjoni u konklużjoni (1 minuta)

1. Staqsi lil student wieħed jew tnejn biex jispjegaw għaliex dan huwa eżempju tajjeb ta' kooperazzjoni Ewropea.
2. Ikkonkludi bir-rimarka li proġetti bħal dan huma possibbli biss minħabba li s-27 stat membru ddiskutew il-kwistjoni u qablu li kien importanti li din il-problema tiġi indirizzata flimkien.

Dikjarazzjonijiet ta' opinjoni



10 minuti

Għal din l-attività wasal il-ħin li tistimula lill-istudenti tiegħek! Billi "jieħdu pożizzjoni" dwar dikjarazzjonijiet ta' opinjoni rigward il-ħidma tal-Kunsill, ser ikunu motivati biex jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom stess dwar il-kooperazzjoni Ewropea.

Hemm ħames dikjarazzjonijiet b'kollox. Fuq in-naħa l-oħra tal-klassi hemm tliet tabelli fuq il-ħitan: "Naqbel", "Ma naqbilx" u punt interrogattiv. Kull dikjarazzjoni tintwera individwalment bl-użu tas-slides ipprovduti, imbagħad l-istudenti jimxu lejn waħda mit-tabelli fuq il-ħajt biex jagħtu l-opinjonijiet tagħhom. Għalhekk jistgħu joqogħdu quddiem "Naqbel", "Ma naqbilx" jew – jekk ma jkunux ċerti x'jaħsbu – il-punt interrogattiv.

F'kull rawnd, l-istudenti jintalbu jagħtu argumenti għall-opinjonijiet tagħhom.

Hemm ħames dikjarazzjonijiet, iżda m'hemmx bżonn li jsiru kollha. Aħjar tiegħu l-ħin u tikkonċentra fuq żewġ jew tliet dikjarazzjonijiet, sabieħ l-istudenti jkollhom l-isfida li jaħsbu dwar l-argumenti, milli tiddiskuti l-ħamsa kollha bil-ħatfa.

Spjegazzjoni (1 minuta)

1. Għid lill-istudenti li issa inti kurjuż ħafna dwar l-opinjonijiet tagħhom. Spjega li ser turihom xi dikjarazzjonijiet biex jaħsbu dwarhom. Jekk jaqblu/ma jaqblux mad-dikjarazzjonijiet, jistgħu jersqu lejn it-tabella li tgħid "naqbel" jew "ma naqbilx". Jekk ma jkunux ċerti x'jaħsbu, jew ikollhom raġunijiet biex jaqblu u ma jaqblux fl-istess ħin, jistgħu jmorru fejn il-punt interrogattiv.
2. Kun ċert li kollha jifhemu dak li suppost jagħmlu. Jekk ikun il-każ, itlob lill-istudenti kollha biex iqumu bilwieqfa (jekk possibbli).

Dikjarazzjonijiet (9 minuti)

Għal kull dikjarazzjoni, irrepeti r-rutina li ġejja:

1. Uri s-slide bid-dikjarazzjoni. Imbagħad staqsi lill-istudenti biex jaħsbu dwar l-opinjonijiet tagħhom u jieħdu pożizzjoni.
2. Meta kulħadd ikun sab postu f'dejn tabella, staqsi student li jkun fejn "naqbel" biex jagħti argument għall-opinjoni tiegħu. Agħmel l-istess ma' student li jkun f'dejn "ma naqbilx". Wara, staqsi student li jkun f'dejn "?" għalfejn għandhom dubbji.
3. Biex tagħlaq, staqsi jekk xi ħadd ikunx sema' argument li wasslu biex jibdel fehmtu. Jekk iva, għaliex?
4. Jekk meħtieġ, agħti spjegazzjonijiet oħrajn dwar id-dikjarazzjonijiet. Tista' tagħti l-kontroargument tiegħek jekk l-istudenti kollha (jew ħafna) jkollhom l-istess opinjoni. L-għan huwa li tħalli hom jinvolve ruħhom b'mod kritiku mad-dikjarazzjoni.

Dikjarazzjonijiet ta' opinjoni

1. L-istati membri għandhom jaħdmu flimkien biss meta dan ikun ta' beneficiċċju għal pajjiżi.
2. Pajjiżi akbar (aktar ċittadini) għandu jkollhom leħen akbar minn pajjiżi żgħar.
3. Pajjiżi sinjuri għandu jkollhom leħen akbar minn pajjiżi li huma inqas sinjuri.
4. Pajjiżi oħra ma jistgħux jgħidu lil pajjiżi x'għandu jagħmel.

Tmiem il-lezzjoni



5 minuti

1. Huwa ħsieb li l-istudenti kollha jsibu posthom bilqiegħda wara d-dikjarazzjonijiet ta' opinjoni.
2. Staqsi lil xi studenti x'għamlu matul din il-lezzjoni. Hemm xi ħadd li jista' jgħidlek xi ħaġa li tgħallim? X'tafu issa li ma kontux tafu qabel?
3. Ara jekk wasalx il-**messaġġ dwar il-ħidma flimkien** billi tistaqsi lil uħud mill-istudenti għaliex is-27 stat membru jaħdmu flimkien.
4. Irringrazzja lill-istudenti tal-parteċipazzjoni tagħhom. Wieġeb xi mistoqsijiet tal-aħħar li jista' jkollhom.







Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Belġju



--	--	--



Be





Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Bulgarija





Bu






Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Ċekja



Ċe





Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Danimarka



Da




Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Ġermanja





Ge




Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Estonja





Es




Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Irlanda



--	--	--



Ir




Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Greċja



Gr





Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Spanja



Sp






Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Franza



--	--	--



Fr





Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Kroazja



Kr




Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Italja



--	--	--



It





Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Ċipru



Ċi



Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Latvja





La





Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Litwanja





Li




Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Lussemburgu





Lu




Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Ungerija





Un





Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Malta



Ma




Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Netherlands





Ne



Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Awstrija





AW




Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Polonja



Po






Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Portugall



Po





Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Rumanija



--	--	--



Ru





Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Slovenja



SI





Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Slovakkja



SI






Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Finlandja



Fi





Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Żvezja



Żv





Deskrizzjoni tal-kompitu

Xogħolkom illum: agħtu l-kulur lill-bandiera tagħkom malajr kemm jista' jkun.

Moħħkom hemm!

Unjoni Ewropea



Un

Naqbel

Ma

Naqbiqx

